MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2009

Numru 1247/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**

**vs**

**Maria Theresa Zammit**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputata Maria Theresa Zammit bint Aloysius u Carmen nee’ Penza, mwielda Pieta’ nhar it-3 ta’ Marzu 1984 u residenti Appartamenti Indipendenza Blokk B Flat 16, Triq Maria De Domenicis, Santa Lucija u detentrici tal-karta tal-identita’ numru 139884(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Nhar is-6 ta’ Dicembru 2008, ghall-habta ta’ 01 :00hrs gewwa Triq il-Qaliet, Marsaskala, ingurjat jew heddedt, jew ghamlet offiza fuq il-persuna ta’ wiehed inkarigat skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien jaghmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li tbezzghu jew li tinfuwixxi fuqu kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz u dan bi ksur ta’ l-artikolu 95(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi attakat jew ghamlet rezistenza bi vjolenza jew b’ hebb fuq WPC123 Janet Cicala, li hija vjolenza pubblika, li hija persuna inkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienet qed tagixxi ghal ezekuzzjoni tal-Ligi jew ta’ ordni moghtija skond il-Ligi mill-awtorita’ kompetenti u dan bi ksur tal-artikolu 98 tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta’ Malta ;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb minghajr ma darab ghall-persun ta’ Floyd Cassar tifel ta’ hdax-il sena ;

Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi qal kliem oxxen u dagha fil-pubbliku ;

Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kiser il-paci pubblika b’ ghajjat, storbju u glied.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-Ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghas-sigurta ta’ dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 16 ta’ Dicembru, 2008 (esebit *a folio* 6 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarilha fis-seduta tat-30 ta’ Jannar, 2009 l-imputata ddikjarat li ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputata kif registrata fis-seduta ta’ nhar it-30 ta’ Jannar, 2009 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9, u cioe’ wara li l-imputata wiegbet li hija hatja ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghha, din il-Qorti wissieta b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba taghha u taghta zmien xieraq sabiex jekk trid terga’ lura minnha u l-imputata baqghet tinsisti li tirregistra ammissjoni.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputata, il-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfronti taghha kif minnha ammessi.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fedina penali kwazi netta tal-imputata (esebita *a folio* 4 tal-process), l-fatt li hija ammettiet l-akkuzi migjuba fil-konfronti taghha fi stadju bikri tal-proceduri u l-fatt li hija skuzat ruhha ta’ l-akkadut ma’ WPC 123 Janet Cicala’.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 95 (1), 98, 339 (b), 338 (bb) u 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputata hatja tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghha kif minnha ammessi u b’ applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tilliberaha bil-kundizzjoni li ma tikkommettix reat iehor sa zmien sena (1) millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------